Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,152, 17 ta' Novembru, 2023
Taqsima B

A.L. 268 tal-2023

ATT DWAR ARRANĠAMENTI U SERVIZZI TA' TEKNOLOĠIJA INNOVATTIVA (KAP. 592)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 tal-Att dwar Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva, il-Ministru responsabbli għall-Ekonomija Diġitali, waqt li jaġixxi fuq il-parir tal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 592.01.

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"**SKEDA**

(regolament 2)

Drittijiet	
Ċertifikazzjoni ta' arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva	
Dritt għall-ipproċessar:	
Stadju 1: dritt inizjali għall-ipproċessar – pagabbli fl-istess ħin mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.	€2,000
Stadju 2: il-verifika ta' sistemi li twassal għaċ-ċertifikazzjoni tal-arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva – pagabbli fl-istess ħin mas-sottomissjoni tar-rapport dwar il-verifika tas-sistemi.	€3,000
Dritt għaċ-ċertifikazzjoni u dritt għat-tiġdid	
Id-Dritt għaċ-ċertifikazzjoni ta' €40,000 huwa validu għal sentejn (2). Qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' sentejn (2), arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva ċċertifikati jeħtieġu t-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni tagħhom għal perjodu ulterjuri ta' sentejn (2), soġġett għad-dritt għat-tiġdid ta' €40,000.	€40,000

B 2218

Drittijiet għar-reġistrazzjoni		
	Dritt inizjali għall-ipproċessar	**Dritt għar-reġistrazzjoni***
Reġistrazzjoni ta':		
Awdituri ta' sistemi li jkollhom sa ħames (5) esperti fuq il-materja. Id-dritt inizjali tal-ipproċessar għar-reġistrazzjoni ta' awditur ta' sistemi jiżdied b'€500 għal kull espert fuq il-materja addizzjonali, jekk ikun hemm aktar minn ħames (5) esperti fuq il-materja.	€1,500	€1,500
Amministraturi tekniċi	€500	€1000
**Validu għal perjodu ta' sentejn (2). Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu l-awdituri ta' sistemi u amministraturi tekniċi jeħtieġu li jġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom għal perjodu ulterjuri ta' sentejn (2), f'liema każ id-dritt inizjali għall-ipproċessar ma għandux japplika, u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt inizjali għall-ipproċessar applikabbli għal kwalunkwe espert fuq il-materja ġdid miżjud.*		
Drittijiet oħra		
Sottomissjoni tar-rapport dwar il-verifika tas-sistemi		
Dritt għall-ipproċessar tar-rapport dwar il-verifika tas-sistemi	€3,000	
Ħatra ta' aġenti residenti		
Dritt għall-ipproċessar ta' darba	€250	
Drittijiet fir-rigward ta' bidliet materjali fi:		
Software	€1,000	
Drittijiet tal-utenti	€500	
Drittijiet, awtorizzazzjoni jew setgħat ta' amministratur tekniku jew tal-Awtorità dwar l-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, pagabbli mill-applikant	€500	
Amministratur tekniku	€500	
Amministratur ta' organizzazzjoni ġuridika rilevanti	€1,500	
Azzjonisti kwalifikanti	€1,500	
Esperti fuq il-materja	€500	
Persuna li fir-rigward tagħha nħarġet ċertifikazzjoni jew inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni	€500".	